TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

MALTA

Avviż Numru CCT 83/18/F

**Emanuela u Carmel Darmanin**

**vs**

**Solo Optical**

Illum 12 ta' Frar, 2019

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fit-28 ta' Mejju, 2018 fejn ir-rikorrenti talbu danni ta' tlett mija, u disgħa u disgħin Ewro (€399), rappreżentanti l-prezz ta' nuċċali li wara li kien għandha għal kważi sentejn, dan in-nuċċali xpakka u nkiser.

Is-soċjeta' ntimata ppreżentat risposta bil-miktub għal din it-talba, u attendiet għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huma l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tas-soċjeta' ntimata li huwa rappreżentant tas-soċjeta' ntimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottomettiet bil-miktub illi hija kienet xtrat nuċċali għall-prezz ta' tlett mija, u disgħa u disgħin Ewro (€399), mingħand id-ditta ntimata, u dan xtratu f'Mejju 2016, u li f'Marzu 2018 dan in-nuċċali nkiser waħdu, u għalhekk qed titlob il-flus lura.

L-intimat issottometta li għadda wisq żmien biex ikun xi *manufacturing fault*, u li żgur ma kienx it-tort tagħhom.

It-Tribunal, wara li sema' x-xhieda taż-żewġ partijiet, jikkonkludi li n-nuċċali anke ta' dak il-prezz, m'għandux ikollu ħajja ta' sentejn. In-nuċċali għandu jdum iktar minn sentejn jew kważi sentejn, u m'għandux għalfejn jinkiser jew jixpakka waħdu.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti in parte, u jordna lis-soċjeta' ntimata tħallas lir-rikorrenti l-ammont ta' mitejn Ewro (€200), u bl-ispejjeż kontra l-istess soċjeta' ntimata.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888